

**Paġna ewlenija>Teħid ta' azzjoni legali>Atlas Ġudizzjarju Ewropew dwar kwistjonijiet ċivili>Notifika ta' dokumenti**

Fil-qasam tal-ġustizzja ċivili, il-proċeduri u l-proċedimenti pendenti mibdija fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni se jkomplu skont il-liġi tal-UE. Il-Portal tal-e-Ġustizzja, abbażi tal-ftehim reċiproku mar-Renju Unit, se jżomm l-informazzjoni rilevanti marbuta mar-Renju Unit sa tmiem l-2024.

**Notifika ta' dokumenti**

Ġibiltà

**L-Artikolu 2(1) - Aġenziji Trażmetturi**

L-aġenzija ta' trażmissjoni hija r-Reġistratur tal-Qorti Suprema ta' Ġibiltà (Supreme Court of Gibraltar).

Il-komunikazzjonijiet lill-aġenzija ta' trażmissjoni għandhom jintbagħtu permezz ta':

The United Kingdom Government Gibraltar Liaison Unit for EU Affairs

Foreign and Commonwealth Office

King Charles Street

London

SW1A 2AH

Tel.: +44 20 7008 1577

Faks: +44 20 7008 3629

e-mail: [ukgglu@fco.gov.uk](mailto:ukgglu@fco.gov.uk)

**L-Artikolu 2(2) - Aġenziji li jirċievu**

L-aġenzija li tirċievi hija r-Reġistratur tal-Qorti Suprema ta' Ġibiltà (Supreme Court of Gibraltar)

Il-komunikazzjonijiet lill-aġenzija li tirċievi għandhom jintbagħtu permezz ta':

The United Kingdom Government Gibraltar Liaison Unit for EU Affairs

Foreign and Commonwealth Office

King Charles Street

London

SW1A 2AH

Tel.: +44 20 7008 1577

Faks: +44 20 7008 3629

e-mail: [ukgglu@fco.gov.uk](mailto:ukgglu@fco.gov.uk)

**L-Artikolu 2(4)(c) - Mezzi biex jiġu rċevuti d-dokumenti**

Id-dokumenti jiġu trażmessi bil-faks u bil-posta.

**L-Artikolu 2(4)(d) - Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-formola standard fl-Anness I**

Il-formola standard tiġi aċċettata bil-Ingliż u bil-Franċiż.

**L-Artikolu 3 - Korp ċentrali**

The Registrar of the Supreme Court of Gibraltar

Supreme Court,

Law Courts

277 Main Street

Gibraltar

Tel.: +350 200 78808

Faks: +350 200 77118

Il-komunikazzjonijiet formali mal-aġenzija li tirċievi għandhom jiġu indirizzati lir-Reġistratur fl-indirizz ta' hawn fuq iżda jintbagħtu permezz ta':

The United Kingdom Government Gibraltar Liaison Unit for EU Affairs

Foreign and Commonwealth Office

King Charles Street

London

SW1A 2AH

Tel.: +44 20 7008 1577

Faks: +44 20 7008 3629

e-mail: [ukgglu@fco.gov.uk](mailto:ukgglu@fco.gov.uk)

Il-komunikazzjoni ssir permezz ta' ittra, faks, posta elettronika u bit-telefon u l-korp ċentrali jkun responsabbli biex jiċċekkja t-traduzzjonijiet.

**L-Artikolu 4 - Trasmissjoni tad-dokumenti**

Apparti bil-Ingliż, ir-Renju Unit jaċċetta formoli ta' talba standard li jimtlew bil-Franċiż.

**L-Artikolu 8(3) u 9(2) - Termini preskrittivi stabbiliti mil-liġi nazzjonali għan-notifika tad-dokumenti**

Ir-Renju Unit għandu l-intenzjoni li jidderoga minn dawn id-dispożizzjonijiet fuq il-bażi li l-kumplessitajiet tal-liġi tiegħu dwar il-limiti ta' żmien u l-perjodi ta' preskrizzjoni jiġu aggravati biss b'dan l-Artikolu. Huwa importanti li d-data tan-notifika tkun tista' tiġi identifikata b'ċertezza billi din tiddetermina ż-żmien li minnu parti tkun tista' titlob li tingħata sentenza fil-kontumacia. Ir-Renju Unit ma jqisx li t-tifsira preċiża ta' din id-dispożizzjoni, u t-tħaddim maħsub tagħha fil-prattika, huma ċari biżżejjed; għalhekk din tista' żżid il-potenzjal ta' konfużjoni. Għaldaqstant huwa jemmen li din il-kwistjoni għandha tiġi tiffurkati għal-liġi nazzjonali, tal-anqas sakemm ikollu l-opportunità jivvaluta kif taħdem fil-prattika fl-Istati Membri l-oħra wara l-implimentazzjoni tar-Regolament.

**L-Artikolu 10 - Ċertifikat tas-servizz u kopja tad-dokument innotifikat**

Minbarra bil-Ingliż, ir-Renju Unit jaċċetta ċertifikati mimlija bil-Franċiż.

### **L-Artikolu 13 - Servizz minn aġenti diplomatiċi jew konsulari**

Ir-Renju Unit ma għandux l-intenzjoni li joġġezzjona għall-eżerċitar fit-territorju tiegħu tad-dritt mogħti mill-Artikolu 13(1).

### **L-Artikolu 15 - Servizz dirett**

Ġibiltà ma toġġezzjonax għall-possibbiltà ta' notifika diretta prevista mill-Artikolu 15(1).

### **L-Artikolu 19 - Meta l-konvenut ma jidherx għall-proċeduri**

Skont id-dispożizzjoni eżistenti tal-Konvenzjoni tal-Aja, il-qorti fir-Renju Unit, minkejja l-paragrafu 1, jistgħu jagħtu sentenza jekk il-kundizzjonijiet kollha tal-paragrafu 2 ikunu ġew issodisfati.

Il-perjodu ta' żmien li fih jista' jiġi aċċettat rikors għal eżenzjoni previst mill-paragrafu 4, wara li tkun ingħatat is-sentenza:

Meta tikkunsidra l-annullament ta' sentenza fil-kontumaċja, il-qorti trid tqis jekk il-persuna li tkun qed tfitteż l-annullament tas-sentenza tkunx għamlet rikors biex dan isir fil-pront.

L-aħħar aġġornament: 13/12/2021

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-oriġinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.